# IR-REGINA ESTER (IT-TIELET PARTI)



Aman gie msejjah biex jattendi l-ikla li tat ir-regina Ester ippreparat ghalih u ghas-sultan.



Kif kienu qed jixorbu l-imbid, ir-re staqsa lil martu: “X’inhi t-talba tieghek? Anke jekk tkun nofs is-saltna tieghi, naghtihielek.”

“Jiena nitolbok li tehles lil hajti u l-hajja tal-poplu tieghi. Ser joqtluna.”

“U min ser jasal biex jaghmel hekk?” staqsieha r-re.



“L-ghadu tieghi  huwa Aman,” qaltlu Ester.

Is-sultan qam minn postu kollu qilla u hareg fil-gnien tal-palazz.



Aman talab li Ester biex isalvalhu hajtu. Meta r-re dhala mill-gnien ghajjat lis-suldati biex jarrestaw li Aman. Wiehed mill-qaddejja tas-sultan qal: “Aman waqqaf arblu hdejn daru ghaxkien qed jippjana li mieghu jdendel lil Modokai.

“Ohorgu lil Aman ‘l barra u fuq l-arblu li hu waqqaf biex idendel lil Mordokai, dendlu lilu minflok,” ghajjat irrabjat is-sultan. Is-suldati ghamlu kif ordna s-sultan. Imbaghad il-qilla tas-sultan ghabet minn fuq wiccu hekk kif Aman gie mehdu ‘l barra mill-palazz.





Imbaghad is-sultan ta lil Ester dak kollu li kien ta’ Aman,  Ir-regina qalet lis-sultan kif kienet tigi minn Mordokai. Is-sultan sejjah lil Mordokai u tah ic-cukett tas-sigill li kien ta lil Aman xi jiem qabel.

‘

Ester nizlet gharkubtejha u talbet lir-re hekk : “Jekk dan jghogob lis-sultan, halli tinkiteb ordni biex thassar dak li ried jaghmel Aman.”





“Bhalma Aman ried jaghmel lill-Lhud, jiena ghamilt mieghu u dendiltu ma’ arblu u tajt dak kollu li kellu lil Ester.” Hekk kiteb is-sultan U kompla: “ Iktbu digriet iehor f’ismi u ssigillawh bic-curkett tieghu biexma jhassru hadd.”

Quddiem is-sultan dahlu l-iskribi u s-sultan iddettalhom kitba li kienet tghid li jekk xi hadd jattakka xi bniedem minn nisel Lhud, dan kellu dritt jiddefendi lilu nnifsu.

Hadd ma kellu dritt joqtol jew imiss xi lhud.





Saru bosta kopji ta' din il-ligi li ntbaghtet f'kull provincja tas-saltna tas-sultan.

B'hekk kulhadd sar jaf li l-Lhud kellhom is-setgha li jiggieldu biex jiddefendu lilhom infshom jekk ikunu attakkati fit-13 il-jum tat-12-il xahar.

Meta Mordekai hareg mill-palazz kien liebes il-mantell vjola li tah is-sultan.  Il-lhud iccelebraw l-ahbar u l-ghedewwa taghhom bdew jibzghu minnhom





Dawk li kienu qed jistennew biex fil-jum stabbilit joqtlu lill-Lhud sabu li ma setghu jaghmlu xejn ghax in-nobbli u l-gvernaturi tal-provincji kienu jghinu lill-Lhud biex jiddefendu lilhom insfushom.



Kull min azzarda li jattakka lil xi hadd mill-poplu lhudi kien jisfa’ melghub u maqtul.

Fil-belt kapitali ta’ Susa, ulied Aman flimkien ma’ 500 ragel iehor li kienu jobghodu lill-lhud kienu meqruda. Imma l-lhud ma serqulhomx gidhom bhalma setghu jaghmlu. Fil-provincji kollha tas-sultan madwar 75,000 ragel li kellhom pjan li jeqirdu u joqtlu lill-poplu lhudi gew imnehhija.





Mordokai kiteb il-grajja kollha u baghat ittri lill-lhud kollha biex jitlobhom jiccelebraw ir-rebha kull sena fl-14 u 15 tat- 12 il-xahar.

Din il-festa kellhom jibdew isejhulha il-festa ta’ Purim.



Kienet festa ta' ferh.  In-nies taw rigali lil xulxin.  Il-lhud zammet din il-festa f'kull sena matul iz-zminijiet u ghadhom iharsuha sal-gurnata tal-lum.

## TAGHLIMA

Kull min jixtieq deni lil garu jigi f'daru jghid il-proverbju Malti. Qatt tixtieq hsara lil ghajrek ghax issib li dik il-hsara li xtaq li tigri lill-proxxmu tieghu tigi fuqek.

Ghall-kuntrarju dejjem hobb il-proxxmu tieghek u xtieqlu kull risq u gid. Meta tkun ittentat biex tixtieq id-deni saqsi lilek

innifsek: “ DAN IRRIDU GHALIJA?” U kif tirrispondi aghmel mal-proxxmu tieghek.

Ftakar li Alla ser jiggudikak kif inti timxi ma’ ghajrek. Jekk turi hniena Alla juri hniena mieghek jekk turi mohqrija ma’ ghajrek Alla juza listess kejl mieghek meta jaghmel haqq minnek.